

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9939/22

FIN 622

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 266 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2023 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 266 final.

Mehmuż: COM(2022) 266 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.6.2022  
COM(2022) 266 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**L-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2023 f'konformità mal-  
Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas  
finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027**

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## L-aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju pluriennali għall-2023 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027

### 1. INTRODUZZJONI

Din il-komunikazzjoni tipprovdi lill-awtorità baġitarja bir-riżultat tal-aġġustament tekniku qabel il-proċedura baġitarja għas-sena 2023 f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>1</sup> (ir-“Regolament QFP”). B'mod partikolari, l-aġġustament tekniku jistabbilixxi l-limiti massimi tan-nefqa bil-prezzijiet attwali bbażati fuq id-deflatur fiss ta' 2 % kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament QFP.

Abbażi tal-aħħar previżjonijiet ekonomiċi<sup>2</sup>, il-komunikazzjoni tipprovdi wkoll il-kalkolu tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea li tkun fis-seħħ fi żmien tal-adozzjoni ta' din il-komunikazzjoni.

Il-komunikazzjoni tippreżenta wkoll l-ammonti disponibbli taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku skont l-Artikolu 11(1)(a) u 11(1)(c), l-aġġustament tal-limitu massimu tal-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 11(1)(b) u l-aġġustamenti speċifiċi għall-programm kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament QFP.

Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament QFP, il-Kummissjoni tagħmel l-aġġustament tekniku fil-qafas finanzjarju u kull sena se tikkomunika r-riżultati lill-awtorità baġitarja, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1.

Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament tal-QFP, u mingħajr ħsara għall-Artikoli 6 u 7 ta' dak ir-Regolament, ma jsir l-ebda aġġustament tekniku ulterjuri fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul is-sena u lanqas bħala korrezzjonijiet ex post matul is-snin ta' wara.

### 2. IT-TERMINI TAL-AĠĠUSTAMENT TAT-TABELLA TAL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (L-ANNESS - IT-TABELLI 1-2)

It-Tabella 1 fl-Anness turi l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE fi prezzijiet tal-2018 tar-Regolament QFP aġġustati skont l-Artikolu 2(1), 5(2) u 11 ta' dak ir-Regolament.

It-tabella 2 fl-Anness turi l-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE aġġustat bil-prezzijiet attwali.

Il-qafas finanzjarju espress bħala perċentwal tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-Unjoni huwa aġġornat bl-aħħar previżjonijiet ekonomiċi. Skont din il-bażi, l-ING tal-UE għall-2023 huwa stabbilit għal EUR 16 342 510 miljun fi prezzijiet attwali.

<sup>1</sup> [ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11](#)

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2022: [Tbassir Ekonomika Ewropew Ir-Rebbiegħa 2022. Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\), \(https://ec.europa.eu/info/publications/european-economic-forecast-spring-2022\\_mt\)](#)

## 2.1. Ir-riżultati ewlenin tal-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2023

Il-limitu massimu globali tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2023 huwa ta' EUR 182 667 miljun fi prezzijiet attwali, li huwa ekwivalenti għal 1,12 % tal-ING. Il-limitu massimu kumplessiv tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' pagament jikkorrispondi għal EUR 168 575 miljun fi prezzijiet attwali, ekwivalenti għal 1,03 % tal-ING.

Fl-1 ta' Ġunju 2021, daħlet fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji ("DRP 2020")<sup>3</sup>. Din tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2021. Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprijazzjonijiet ta' pagament huwa stabbilit għal 2,00 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha. Minn dan, 0,60 punti perċentwali huma żieda temporanja għall-iskop uniku li jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kollha li jirriżultaw mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea<sup>4</sup>.

Il-marġni li jirriżulta għall-2023 bejn il-limitu massimu tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' pagament u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprijazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 158 275 miljun, jew 0,97 % tal-ING<sup>5</sup>.

It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi informazzjoni għall-perjodu 2021-2027 dwar il-marġni (f'perċentwal tal-ING) bejn il-limitu massimu tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' pagament u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprijazzjonijiet ta' pagament.

F'% tal-ING tal-UE	2021	2022 <sup>6</sup>	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
Il-limitu massimu tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' pagament	1,18 %	1,14%	1,03%	0,99 %	0,96 %	0,94 %	0,93 %	1,02 %
Marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji tal-ING ta' 2,00 % fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053	0,02 %	0,86 %	0,97 %	1,01 %	1,04 %	1,06 %	1,07 %	0,98% <sup>7</sup>

## 2.2. Aġġustament tas-sottolimitu massimu għall-Intestatura 3

Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament QFP, is-sottolimitu għall-Intestatura 3 għan-nefqa relatata mas-suq u għall-pagamenti diretti (l-ewwel pilastru tal-politika agrikola komuni - PAK) għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandu jiġi aġġustat wara li jsiru t-trasferimenti bejn l-ewwel u t-tieni pilastru tal-PAK, f'konformità mal-att

<sup>3</sup> ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19, ĠU L 4331, 22.12.2020, p. 23.

<sup>5</sup> Il-marġni speċifiku taħt iż-żieda temporanja tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji li jikkorrispondi għal 0.60 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha se jiddependi fuq in-nefqa awtorizzata għall-2023 fir-rigward tar-responsabbiltajiet skont l-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea u r-riżorsi proprji korrispondenti biex jiffinanzjawh.

<sup>6</sup> F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament QFP, il-limitu massimu tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' pagament u l-marġnijiet għas-snin 2021 u 2022 mhumiex aġġustati aktar wara l-aġġustament tekniku għall-2021 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fit-18.12.2020 (COM(2020)848 final)) u fl-2022 (ikkomunikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fis-07.06.2021 (COM(2021)365 final)).

<sup>7</sup> Dan il-persentaġġ huwa kkalkulat billi titnaqqas il-medja tal-limiti massimi annwali tal-QFP għall-approprijazzjonijiet ta' pagament għal kull sena tal-perjodu 2021-2027 (jiġifieri 1,02 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha) mil-limitu massimu tar-riżorsi proprji għall-approprijazzjonijiet ta' pagament ta' 2,00 % tas-somma tal-ING tal-Istati Membri kollha, applikabbli matul il-perjodu kollu 2021-2027.

legali li jistabbilixxi dawn it-trasferimenti. L-ammont totali tal-limitu massimu għall-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Intestatura 3 ma jinbidilx.

Is-sottolimitu għall-Intestatura 3 ġie aġġustat għat-tielet darba<sup>8</sup> fl-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2023.

L-iskadenza għas-sottomissjoni tan-notifiki tat-trasferimenti mill-Istati Membri lill-Kummissjoni kienet l-1 ta' Awwissu 2021. Ir-riżultat ġie stabbilit fir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni 2022/42<sup>9</sup> tat-8 ta' Novembru 2021 u 2022/648 tal-15 ta' Frar 2022<sup>10</sup>. Dawn it-trasferimenti koprew it-tnaqqis tal-pagamenti u l-flessibilità bejn il-pilastri f'konformità mal-Artikolu 11(1), l-Artikolu 11(6), ir-raba' subparagrafu, l-Artikolu 14(1), is-seba' subparagrafu, u l-Artikolu 14(2), is-seba' subparagrafu tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013<sup>11</sup>. Dawn l-emendi jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115<sup>12</sup> għas-sena 2023.

Il-bidliet fil-prezzijiet attwali fis-sottolimitu tal-Intestatura 3 huma kkonvertiti fi prezzijiet tal-2018 biex tiġi aġġustata t-tabella tal-qafas finanzjarju pluriennali li hija espressa fi prezzijiet tal-2018. Għal dan l-għan il-bilanċ nett tat-trasferimenti l-ewwel jiġi kkonvertit fi prezzijiet tal-2018 billi jintuża d-deflatur annwali fiss ta' 2 %. Dan ir-riżultat imbagħad jiġi arrotondat 'il fuq sabiex jiġi espress is-sottolimitu aġġustat f'miljuni ta' euro. L-arrotondiment huwa meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sottolimitu tal-QFP ikun dejjem ogħla mill-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa fil-baġit annwali għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG). Id-differenza żgħira li tirriżulta ma tikkostitwixxix marġni disponibbli, iżda tirriżulta esklużivament mill-operazzjoni tal-arrotondiment. Għal kull baġit annwali, il-Kummissjoni se tuża l-ammonti eżatti tal-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG.

It-tabella ta' hawn taħt turi r-riżultat nett (f'miljuni ta' euro) tat-trasferiment bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK u l-impatt tagħhom fuq is-sottolimitu tal-Intestatura 3.

---

<sup>8</sup> L-ewwel aġġustament kien deskritt fl-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2021 (COM/2020/848 final) tat-18 ta' Diċembru 2020. L-aġġustament għall-2022 kien deskritt f'COM(2021)365 tal-4 ta' Ġunju 2021.

<sup>9</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/42 tat-8 ta' Novembru 2021 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti massimi nazzjonali u tal-limiti massimi netti għall-pagamenti diretti għal ċerti Stati Membri għas-sena kalendarja 2022.

<sup>10</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/648 tal-15 ta' Frar 2022 li jemenda l-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ammonti tal-appoġġ mill-Unjoni għat-tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali fis-sena finanzjarja 2023.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

Skont l-Artikolu 11(1), l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti b'mill-inqas 5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż EUR 150 000. F'konformità mal-Artikolu 11(6), l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċizzjonijiet tagħhom dwar it-tnaqqis tal-pagamenti għas-sena kalendarja 2022 u bi kwalunkwe prodott stmat tat-tnaqqis sal-1 ta' Awwissu 2021. L-Artikolu 14(1) jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu ċertu sehem mil-limiti massimi nazzjonali annwali tagħhom għall-pagamenti diretti disponibbli bħala appoġġ addizzjonali taħt il-FAEŻR. L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu disponibbli bħala pagamenti diretti ċertu perċentwal tal-allokkazzjonijiet tagħhom tal-FAEŻR.

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jiffasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

**Is-sottolimitu tal-FAEG (nefġiet relatati mas-suq u pagamenti diretti) wara t-trasferimenti fi prezzijiet attwali u tal-2018**

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
	<b>- fi prezzijiet attwali -</b>							
Is-sottolimitu H3 inizjali	40 925,000	41 257,000	41 518,000	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	291 091,000
Is-sottolimitu H3 stabbilit fl-aħħar aġġustament tekniku (2022)	40 368,000	41 257,000	41 518,000	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	290 534,000
Trasferimenti netti sal-lum	- 557,046	- 618,811						- 1 175,857
Trasferiment nett fl-aġġustament tekniku attwali (2023)			-825,789					-825,789
Trasferimenti netti totali (mill-Pilastru 1 għall-Pilastru 2) meta mqabbla mas-sublimitu inizjali	- 557,046	- 618,811	-825,789	0,000	0,000	0,000	0,000	-2 001,646
Bilanċ nett tal-FAEG wara t-trasferimenti kollha	40 367,954	40 638,189	40 692,211	41 649,000	41 782,000	41 913,000	42 047,000	289 089,354
<b>Sottolimitu H3 wara t-trasferimenti</b>	<b>40 368,000</b>	<b>40 639,000</b>	<b>40 693,000</b>	<b>41 649,000</b>	<b>41 782,000</b>	<b>41 913,000</b>	<b>42 047,000</b>	<b>289 091,000</b>
<i>Differenza tal-arrotondament</i>	<i>0,046</i>	<i>0,811</i>	<i>0,789</i>	<i>0,000</i>	<i>0,000</i>	<i>0,000</i>	<i>0,000</i>	<i>1,646</i>
<b><i>Differenza għas-sottolimitu oriġinali wara t-trasferimenti kollha</i></b>	<b><i>- 557,000</i></b>	<b><i>- 618,000</i></b>	<b><i>-825,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>-2 000,000</i></b>
	<b>- fi prezzijiet tal-2018 -</b>							
Sottolimitu H3 inizjali	38 564,000	38 115,000	37 604,000	36 983,000	36 373,000	35 772,000	35 183,000	258 594,000
Is-sottolimitu H3 stabbilit fl-aħħar aġġustament tekniku (2022)	38 040,000	38 115,000	37 604,000	36 983,000	36 373,000	35 772,000	35 183,000	258 070,000
Trasferimenti netti sal-lum	- 524,375	- 571,595						- 1 095,970
Trasferiment nett fl-aġġustament tekniku attwali (2023)			-747,811					-747,811
Trasferimenti netti totali (mill-Pilastru 1 għall-Pilastru 2) meta mqabbla mas-sublimitu inizjali	- 524,375	- 571,595	-747,811	0,000	0,000	0,000	0,000	-1 843,781
Bilanċ nett tal-FAEG wara t-trasferimenti kollha	38 039,625	37 543,405	36 856,189	36 983,000	36 373,000	35 772,000	35 183,000	256 750,219
<b>Sottolimitu H3 wara t-trasferimenti</b>	<b>38 040,000</b>	<b>37 544,000</b>	<b>36 857,000</b>	<b>36 983,000</b>	<b>36 373,000</b>	<b>35 772,000</b>	<b>35 183,000</b>	<b>256 752,000</b>
<i>Differenza tal-arrotondament</i>	<i>0,375</i>	<i>0,595</i>	<i>0,811</i>	<i>0,000</i>	<i>0,000</i>	<i>0,000</i>	<i>0,000</i>	<i>1,781</i>
<b><i>Differenza għas-sottolimitu oriġinali wara t-trasferimenti kollha</i></b>	<b><i>- 524,000</i></b>	<b><i>- 571,000</i></b>	<b><i>-747,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>0,000</i></b>	<b><i>-1 842,000</i></b>

**2.3. Aġġustamenti speċifiċi għall-programm f'konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament QFP**

Skont l-Artikoli 5(2) u 4(1)(e) tar-Regolament QFP, din il-komunikazzjoni tinkludi l-kalkolu, għas-sena 2023, tal-allokkazzjonijiet addizzjonali għall-programmi speċifiċi msemmija fl-Anness II tar-Regolament QFP u l-aġġustamenti 'l fuq li jirriżultaw tal-limiti massimi għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Għall-2021, id-dħul mill-multi (u l-imgħax relatat) imposti skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003<sup>13</sup> u (KE) Nru 139/2004<sup>14</sup> u rreġistrati bħala dħul baġitarju sal-aħħar tas-sena jammonta għal EUR 1 233 miljun<sup>15</sup> (EUR 1 117 miljun fi prezzijiet tal-2018). Dan l-ammont huwa taħt il-limitu minimu ta' EUR 1 500 miljun fi prezzijiet tal-2018. Għalhekk, il-limitu minimu jipprovdi l-volum totali tal-aġġustament għall-2023 bil-prezzijiet tal-2018.

L-aġġustament fil-prezzijiet attwali jammonta għal EUR 1 657 miljun wara l-applikazzjoni tad-deflatur annwali ta' 2 % u arrotondament sa miljun euro f'konformità ma' kif jiġu espressi l-limiti massimi tal-QFP. Dan l-ammont

<sup>13</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat [ĠUL 1, 4.1.2003, p. 1](#).

<sup>14</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet), [ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1](#).

<sup>15</sup> Abbażi tal-kontijiet annwali proviżorji tal-2021 (l-Artikoli 420 u 424) wara t-tnaqqis tal-ammont miġbur għas-sena n-1 imsemmi fl-Artikolu 141(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

jikkorrispondi għall-aġġustament 'il fuq tal-limitu massimu kumplessiv f'approprjazzjonijiet ta' impenn u l-limitu massimu f'approprjazzjonijiet ta' pagament għas-sena 2023.

Id-disaggregazzjoni tal-aġġustament skont l-intestatura u l-programm tal-QFP hija bbażata fuq il-kolonna "Koeffiċjent tad-distribuzzjoni" tal-Anness II tar-Regolament QFP. L-aġġustamenti tal-limiti massimi individwali f'approprjazzjonijiet ta' impenn huma arrotonditi għall-eqreb miljun euro<sup>16</sup>.

<b>LIMITI MASSIMI TA' IMPENN:</b>	Prezzijiet attwali	prezzijiet tal-2018
<b>1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali</b>	<b>602 000 000</b>	<b>545 000 000</b>
Orizzont Ewropa	451 500 000	408 750 000
Fond InvestEU	150 500 000	136 250 000
<b>2b. Reżiljenza u Valuri</b>	<b>904 000 000</b>	<b>819 000 000</b>
EU4Health	437 302 384	395 912 558
Erasmus+	256 202 383	232 112 557
Ewropa Kreattiva	90 317 140	81 824 931
Drittijiet u Valuri	120 478 093	109 149 954
<b>4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri</b>	<b>151 000 000</b>	<b>136 000 000</b>
Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri	151 000 000	136 000 000
<b>Limitu massimu tal-impenn totali:</b>	<b>1 657 000 000</b>	<b>1 500 000 000</b>
<b>LIMITU MASSIMU TA' PAGAMENT:</b>	<b>1 657 000 000</b>	<b>1 500 000 000</b>

#### **2.4. Aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament skont l-Artikolu 4(1)(d) u l-Artikolu 11(1)(b) — Strument ta' Marġni Uniku.**

F'konformità mal-Artikolu 4(1)(d) tar-Regolament QFP, l-aġġustament tekniku għandu jinkludi l-ammont ta' aġġustament tal-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' pagament taħt l-Istrument ta' Marġni Uniku (SMI) kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1).

F'konformità mal-Artikolu 11(1)(b), dan l-aġġustament jitwettaq għall-ewwel darba fl-2022 għall-aġġustament tekniku tal-2023.

Il-limitu massimu ta' pagament għall-2021 kien ta' EUR 166 140 miljun fi prezzijiet attwali. Il-pagamenti eżegwiti fl-2021 jammontaw għal EUR 165 587 miljun. Ma' dan l-ammont iridu jżiedu (EUR 2 226 miljun) ir-riporti mill-2021 għall-2022 peress li dawn jitqiesu bħala eżegwiti.

Il-pagamenti u r-riporti relatati mal-istrumenti speċjali (EUR 4 316-il miljun) huma esklużi mill-eżekuzzjoni peress li huma ttrattati bħala li jmorru lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament QFP. Għaldaqstant l-eżekuzzjoni meqjusa għall-kalkolu tal-SMI hija ta' EUR 163 496 miljun.

Il-marġni li jifdal taħt il-limitu massimu ta' pagament għall-2021 huwa ta' EUR 2 644 miljun fi prezzijiet attwali.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-kalkolu tal-SMI parti 11(1)(b).

<sup>16</sup> L-ammont għall-intestatura bl-ogħla sehem huwa stabbilit bħala d-differenza bejn l-aġġustament totali u s-somma tal-ammonti għall-intestaturi l-oħra kollha sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi fl-arrotondament.

<b>Strument ta' Marġini Uniku parti 11(1)(b) (pagamenti)</b>		
<i>Miljun EUR</i>		<b>2021</b>
(1)	Limitu massimu tal-PA (prezzijiet tal-2018) qabel SMI 11(1)(b)	156 557,0
(2)	Limitu massimu tal-PA (prezzijiet attwali) qabel SMI 11(1)(b)	166 140,0
(3)	<b>Mobilizzazzjoni tal-SMI Art. 11(1)(c) f'pagamenti (+/-)</b>	<b>0,0</b>
<b>(4) = (2) + (3)</b>	<b>LIMITU MASSIMU TOTALI BIEX TITQABEL L- IMPLIMENTAZZJONI FUQ IL-BAĠIT IVVOTAT</b>	<b>166 140,0</b>
<b>(5)</b>	<b>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat</b>	<b>165 586,5</b>
(6)	<i>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-FEG</i>	9,7
(7)	<i>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għas-SEAR — FSUE</i>	791,4
(8)	<i>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għas-SEAR — EAR</i>	455,5
(9)	<i>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit</i>	407,2
(10)	<i>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-Istrument ta' Flessibilità</i>	1 286,6
<b>(11) = (6) + (7) + (8) + + (9) + (10)</b>	<b>Pagamenti eżegwiti fuq il-baġit ivvotat għall-istrumenti speċjali</b>	<b>2 950,4</b>
<b>(12)</b>	<b>Riporti mis-sena n għas-sena n+1</b>	<b>2 225,5</b>
(13)	<i>Riport mis-sena n għas-sena n + 1 għall-FEG</i>	0,0
(14)	<i>Riport mis-sena n għas-sena n + 1 għas-SEAR</i>	74,5
(15)	<i>Riport mis-sena n għas-sena n + 1 għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit</i>	1 290,7
<b>(16) = (13) + (14) + (15)</b>	<b>Riporti ta' strumenti speċjali</b>	<b>1 365,2</b>
<b>(17)</b>	<b>Riporti li skadew mis-sena n-1 għas-sena n</b>	<b>0,0</b>
(18)	<i>Riport skadut mis-sena n-1 għas-sena n FEG</i>	0,0
(19)	<i>Riport skadut mis-sena n-1 għas-sena n SEAR</i>	0,0
(20)	<i>Riport mis-sena n-1 għas-sena n għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit</i>	0,0
<b>(21) = (18) + (19) + (20)</b>	<b>Riporti li skadew ta' strumenti speċjali</b>	<b>0,0</b>
<b>(22) = (5) + (12) - (17)</b>	<b>TOTAL TA' PAGAMENTI EŻEGWITI n + RIPORT n GĦAL n+1 - RIPORT SKADUT n-1</b>	<b>167 812,0</b>
<b>(23) = (11) + (16) - (21)</b>	<b>Strumenti speċjali: eżekuzzjoni totali + riport - riport skadut</b>	<b>4 315,6</b>
<b>(24) = (4) - (22) + (23)</b>	<b>Marġni li jifdal</b>	<b>2 643,6</b>
(25) = (24) arrotondat għal miljuni	<b>Strument ta' Marġni Uniku part 11(1)(b) (prezzijiet attwali)</b>	<b>2 644,0</b>
(26) = (25) aġġustati għall-prezzijiet tal-2018 bl-użu ta' deflatur ta' 2 % u arrotondati għal miljuni	<b>Strument ta' Marġni Uniku part 11(1)(b) (prezzijiet tal-2018)</b>	<b>2 492,0</b>

L-ammont tal-SMI parti 11(1)(b) fi prezzijiet tal-2018 jikkorrispondi għal EUR 2 492 miljun. B'kont meħud tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(3), il-limitu massimu ta' pagament fl-2021 għandu jitnaqqas b'dan l-ammont. L-ammont tal-parti 11(1)(b) tal-SMI huwa trasferit għal-limiti massimi tal-pagamenti tas-snin 2022 (EUR 1 246 miljun) u tal-2023 (EUR 1 246 miljun). Dan jirriżulta f'limitu massimu kumplessiv ta' pagament mhux mibdul għall-perjodu 2021-2027 fi prezzijiet tal-2018.

F'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament QFP, id-deflatur ta' 2 % għandu jintuża għall-kalkolu tal-parti 11(1)(b) tal-SMI u l-aġġustament korrispondenti tal-limitu massimu tal-pagamenti. Il-limitu massimu tal-2021 fi prezzijiet attwali

għalhekk jitnaqqas b'EUR 2 644 miljun u l-limitu massimu fil-prezzijiet attwali jiżdied b'EUR 1 349 miljun għall-2022 u b'EUR 1 376 miljun għall-2023. B'riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 11(1)(b), il-limitu massimu kumplessiv ta' pagament fi prezzijiet attwali għall-perjodu 2021-2027 jikkorrispondi għal EUR 1 196 916 miljun.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-aġġustament tal-limitu massimu tal-pagamenti li jirriżulta mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1)(b).

<b>Aġġustament tal-limiti massimi SMI parti 11(1)(b)</b>	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
Limitu massimu ta' pagament inizjali (l-Anness I tar-Regolament 2020/2093)								
prezzijiet tal-2018	156 557	154 822	149 936	149 936	149 936	149 936	149 936	1 061 058
prezzijiet attwali	166 140	167 585	165 542	168 853	172 230	175 674	179 187	1 195 211
Limitu massimu tal-pagamenti kif aġġustat l-aħħar (l-aġġustament tal-Art. 7 COM(2022)80 tat-28 ta' Jannar 2022),								
prezzijiet tal-2018	156 557	156 322	149 936	149 936	149 936	149 936	149 936	1 062 558
prezzijiet attwali	166 140	169 209	165 542	168 853	172 230	175 674	179 187	1 196 835
<i>Strument ta' Marġini Uniku Parti (1)(b) mill-2021</i>								
<i>aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet tal-2018)</i>	-2 492	1 246	1 246					0
<i>aġġustament tal-limitu massimu ta' pagament (prezzijiet attwali)</i>	-2 644	1 349	1 376					81
Limitu massimu aġġustat ta' pagament skont l-Artikolu 11(1)(b) (Aġġustament tekniku għall-2023)								
prezzijiet tal-2018	154 067	157 568	151 182	149 936	149 936	149 936	149 936	1 062 558
prezzijiet attwali	163 496	170 558	166 918	168 853	172 230	175 674	179 187	1 196 916

### 3. STRUMENTI SPEĊJALI

L-istrumenti speċjali huma disponibbli barra mil-limiti massimi tan-nefqa tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jiżguraw rispons rapidu għal ċirkustanzi eċċezzjonali jew mhux previsti, u li jipprovdu, sa ċerti limiti, flessibilità lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa miftiehma stabbiliti fir-Regolament QFP.

#### 3.1. Strumenti Tematiki Speċjali

##### 3.1.1. Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament QFP, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)<sup>17</sup> jista' jiġi mobilizzat sa massimu ta' EUR 186 miljun fis-sena bil-prezzijiet tal-2018, jew EUR 205,4 miljun bil-prezzijiet attwali għall-2023<sup>18</sup>. Ammonti mhux użati mis-sena ta' qabel ma jistgħux jiġu riportati.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibilità u tal-mobilizzazzjoni annwali tal-FEG fl-2021.

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013, ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>18</sup> F'konformità mar-Regolament QFP, il-konverżjoni hija bbażata fuq deflatur fiss ta' 2 %. Ir-riżultat fi prezzijiet attwali huwa espress f'miljuni u arrotondat għal tliet ċifri deċimali. Dan huwa approċċ orizzontali applikabbli għall-istrumenti speċjali kollha.

Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) - impenji								
								EUR miljuni
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Totali
Ammonti annwali fi prezzijiet tal-2018	186,0	186,0	186,0	186,0	186,0	186,0	186,0	1 302,0
Ammonti annwali fi prezzijiet attwali	197,4	201,3	205,4	209,5	213,7	217,9	222,3	1 467,4
Mobilizzazzjoni annwali	24,0							24,0
Skaduti	173,4							173,4

### 3.1.2. Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza

Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament QFP, ir-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza (SEAR) tista' tiġi mobilizzata sa massimu ta' EUR 1 200 miljun kull sena bi prezzijiet tal-2018, jew EUR 1 324,9 miljun bi prezzijiet attwali għall-2023. Kwalunkwe ammont mhux użat tas-sena preċedenti jista' jiġi riportat għas-sena ta' wara. Il-parti tal-ammont annwali li tirriżulta mis-sena preċedenti għandha tintuża l-ewwel. Kwalunkwe parti mill-ammont annwali mis-sena n li ma tintużax fis-sena n+1 għandha tiskadi.

Ammont ta' EUR 40 776 273, li baqa' ma ntużax sa tmiem l-2021, ġie riportat mill-2021 għall-2022.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tad-disponibbiltà annwali u l-mobilizzazzjoni tal-SEAR.

Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza (SEAR) - impenji								
								EUR miljuni
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Totali
Ammonti annwali fi prezzijiet tal-2018	1 200,0	1 200,0	1 200,0	1 200,0	1 200,0	1 200,0	1 200,0	8 400,0
Ammonti annwali fi prezzijiet attwali	1 273,5	1 298,9	1 324,9	1 351,4	1 378,4	1 406,0	1 434,1	9 467,2
Riportati mis-sena preċedenti	48,0	40,8						
Fornut minn qabel mis-sena ta' wara (FSUE)	-							
Mobilizzazzjoni annwali	1 280,7							1 280,7
Riportati għas-sena ta' wara	40,8							
Skaduti	-							

### 3.1.3. Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit

F'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament QFP, ir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit tista' tiġi mobilizzata soġġett għal u f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-istrument rilevanti għal ammont totali massimu ta' EUR 5 000 miljun fi prezzijiet tal-2018 jew EUR 5 470,4 miljun fi prezzijiet attwali matul il-perjodu 2021-2025.

Il-profil għall-ammonti annwali għar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit huwa stabbilit fl-att bażiku rilevanti<sup>19</sup>. It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-profil tal-allokazzjoni annwali tal-ammont kumplessiv f'approprjazzjonijiet ta' impenn u l-mobilizzazzjoni fl-2021:

Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit — impenji								
								EUR miljuni
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Totali

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jstabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

Ammonti annwali fi prezzijiet tal-2018	1 600,0	1 200,0	1 200,0		1 000,0			<b>5 000,0</b>
Ammonti annwali fi prezzijiet attwali	1 697,9	1 298,9	1 324,9		1 148,7			<b>5 470,4</b>
Mobilizzazzjoni annwali	1 697,9							<b>1 697,9</b>

### 3.2. Strumenti Speċjali mhux Tematiċi

#### 3.2.1. Strument ta' Marġni Uniku

##### 3.2.1.1. Ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku parti 11(1)(a)

F'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament QFP, il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tikkomunika, bħala parti mill-aġġustament tekniku annwali tal-QFP, l-ammont disponibbli f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku (SMI) kif imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(1). Dan l-ammont qed jiġi kkalkulat għall-ewwel darba f'din il-komunikazzjoni.

L-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament QFP jipprevedi li l-marġnijiet li jibqgħu disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena n-1 se jkunu disponibbli lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2022 sa 2027.

Fil-baġit annwali finali tal-UE għall-2021, il-marġni li baqa' disponibbli taħt il-limitu massimu tal-impenji jammonta għal EUR 629,0 miljun fi prezzijiet attwali. L-impenji fuq l-Istrumenti Speċjali (inkluż il-mobilizzazzjoni tal-partijiet 11(1)(a) u 11(1)(c) tal-SMI) ma jitqisux peress li jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament QFP.

Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament QFP, id-deflatur fiss annwali ta' 2 % għandu jintuża għall-kalkolu tal-aġġustament tekniku. L-ammont tal-marġni li jifdal mill-2021 li għandu jsir disponibbli għall-2022 jikkorrispondi għal EUR 629,0 miljun fi prezzijiet attwali fl-2021, jew EUR 641,5 miljun fi prezzijiet attwali fl-2022. F'każ li ma jintużax fl-2022, l-SMI disponibbli fl-2023 għalhekk se jkun ta' EUR 654,4 miljun (fi prezzijiet attwali fl-2023).

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-kalkolu tal-SMI li joriġina mill-2021.

Art. 11(1)(a) tal-SMI - li joriġina fl-2021		
EUR miljuni - prezzijiet attwali		
(1)	Limitu massimu CA 2021 (fil-31/12/2021)	163 483,000
(2)	Approprjazzjonijiet totali awtorizzati tal-baġit tal-2021	166 833,206
(3)= (4)+(5)+(6)+ +(7)+(8)+(9)	li minnhom strumenti speċjali:	3 979,172
(4)	SEAR (Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea + Riżerva ta' Ghajmuna f'Emerġenza)	1 321,432
(5)	Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni	197,385
(6)	Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit	1 697,933
(7)	Strument ta' Flessibilità	762,423
(8)	SMI 11(1)(c) mobilizzat fl-2021 (nett mit-tpaciġja li saret fl-2021)	-
(9)	SMI 11(1)(a) mobilizzat fl-2021	mhux applikabbli
<b>(10)= (1)-(2)+(3)</b>	<b>SMI 11(1)(a) 2021 (prezzijiet attwali)</b>	<b>628,966</b>
(11)	SMI 11(1)(a) (prezzijiet tal-2018)	592,689
<b>(12) = (10)*1,02</b>	<b>SMI 11(1)(a) disponibbli fl-2022 (prezzijiet attwali)</b>	<b>641,545</b>
<b>(13)= (12)*1,02</b>	<b>SMI 11(1)(a) disponibbli fl-2023 (prezzijiet attwali)</b>	<b>654,376</b>

3.2.1.2. *Ammonti massimi totali f'impjenji u pagamenti li jistgħu jiġu mobilizzati taħt l-Istrument ta' Marġini Uniku partijiet 11(1)(a) u 11(1)(c).*

L-ammont massimu totali msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2) huwa 0,04 % tal-ING tal-UE, li huwa ekwivalenti għal EUR 6 537,0 miljun fl-2023.

L-ammont massimu totali msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 11(2) huwa 0,03 % tal-ING tal-UE, li huwa ekwivalenti għal EUR 4 902,8 miljun fl-2023.

### 3.2.2. Strument ta' Flessibilità

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament QFP, l-Istrument ta' Flessibilità jista' jiġi mobilizzat sal-ammont annwali massimu ta' EUR 915-il miljun fi prezzijiet tal-2018, jew EUR 1 010,2 miljun fi prezzijiet attwali għall-2023. Kwalunkwe porzjon tal-ammonti annwali mhux użat tas-sentejn preċedenti jista' jiġi riportat.

It-tabella ta' hawn taħt tagħti dettalji dwar id-disponibbiltajiet u l-mobilizzazzjoni annwali tal-Istrument ta' Flessibilità f'approprazzjonijiet ta' impenn sal-baġit adottat tal-2022<sup>20</sup>.

Strument ta' Flessibilità								
<i>EUR miljuni</i>								
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	<b>Totali</b>
Ammonti annwali fi prezzijiet tal-2018	915,0	915,0	915,0	915,0	915,0	915,0	915,0	<b>6 405,0</b>
Ammonti annwali fi prezzijiet attwali	971,0	990,4	1 010,2	1 030,4	1 051,0	1 072,1	1 093,5	<b>7 218,7</b>
Riportati mis-sena preċedenti	-	208,6						
Mobilizzazzjoni annwali	762,4	368,4						<b>1 130,9</b>
Riportati għas-sena ta' wara	208,6							
<i>Skaduti</i>	-							

L-iskeda tal-pagamenti tal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità fil-baġit adottat sal-2022 u tal-ammonti pendenti li jirriżultaw minn mobilizzazzjonijiet taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020 hija spjegata fid-dettall fit-tabella li ġejja:

Strument ta' Flessibilità — profil ta' pagament (prezzijiet attwali)								
<i>EUR miljuni</i>								
<i>Orìġini tal-mobilizzazzjoni</i>	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	<b>Totali</b>
QFP 2014-2020	583,0	207,1	122,2	0,0	0,0	0,0	0,0	<b>912,3</b>
2021	703,5	40,9	10,3	7,6	0,0	0,0	0,0	<b>762,4</b>
2022		219,2	62,7	49,8	36,7			<b>368,4</b>
<b>Totali</b>	<b>1 286,6</b>	<b>467,2</b>	<b>195,2</b>	<b>57,4</b>	<b>36,7</b>	<b>0,0</b>	<b>0,0</b>	<b>2 043,2</b>

<sup>20</sup>

ĠU L 45, 24.2.2022, p. 1.

#### 4. TABELLA SOMMARJA U KONKLUŻJONIJIET

It-tabelli ta' hawn taħt jiġbru fil-qosor il-bidliet fil-limiti massimi tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fil-qafas finanzjarju abbażi tal-Artikoli 2(1), 5 u 11(1)(b) tar-Regolament QFP bi prezzijiet attwali u tal-2018 kif inkluż f'din il-Komunikazzjoni:

EUR miljuni - prezzijiet attwali	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
<b>1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali</b>			602					602
<b>2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri</b>			904					904
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali								0
2b. Reżiljenza u Valuri			904					904
<b>3. Riżorsi Naturali u Ambjent</b>								0
li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti			-825					-825
<b>4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri</b>			151					151
<b>5. Sigurtà u Difiża</b>								0
<b>6. Il-Viċinat u d-Dinja</b>								0
<b>7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea</b>								0
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet								0
<b>Tibdil totali fl-appropriazzjonijiet ta' impenn</b>	0	0	1 657	0	0	0	0	1 657
<b>Tibdil totali fl-appropriazzjonijiet ta' pagament</b>	-2 644	1 349	3 033	0	0	0	0	1 738

EUR miljuni - prezzijiet tal-2018	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	2021-2027
<b>1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali</b>			545					545
<b>2. Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri</b>			819					819
2a. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali								0
2b. Reżiljenza u Valuri			819					819
<b>3. Riżorsi Naturali u Ambjent</b>								0
li minnhom: Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti			-747					-747
<b>4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri</b>			136					136
<b>5. Sigurtà u Difiża</b>								0
<b>6. Il-Viċinat u d-Dinja</b>								0
<b>7. Amministrazzjoni Pubblika Ewropea</b>								0
li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet								0
<b>Tibdil totali fl-appropriazzjonijiet ta' impenn</b>	0	0	1 500	0	0	0	0	1 500
<b>Tibdil totali fl-appropriazzjonijiet ta' pagament</b>	-2 492	1 246	2 746	0	0	0	0	1 500